MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 475/2002/1

**Francis Busuttil & Sons (Marketing Ltd.)**

**Vs**

**Flamingo Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-societa attrici talbet il-hlas ta' Lm1394.95 (elf u tlett mija u erbgha u disghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmi) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta li fiha s-socjeta konvenuta iddikjarat illi ma ghandha ebda relazzjoni juridika mas-societa attrici u illi l-ammont pretiz huwa paccut ma ammont akbar dovut mis-socjeta attrici; li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-ligijiet ta' Malta.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta datata 12 ta' Gunju 2002 li fiha xehed Michael Busuttil ghas-socjeta attrici fejn ikkonferma li xi hadd mis-socjeta konvenuta kien qallu li ghandhom jithallsu lis-socjeta attrici. Michael Busuttil jikkonferma wkoll li ma ircieva ebda kopji ta' invoices minghand is-socjeta konvenuta.

Ra l-istess seduta li fiha xehed Luciano Martinelli ghas-societa konvenuta fejn ikkonferma li huma ghandhom jaghtu lis-societa attrici izda s-societa attrici ghandhom jaghtu lis-societa konvenuta ammonti kbar. Luciano Martinelli qal li s-societa attrici kienet xtrat diversi appliances min ghandhom.

Ra illi hemm korrispondenza bejn il-partijiet u kien hemm telefonati fejn jidher li impjegati taz-zewg socjetajiet ppruvaw jistabilixxu l-bilanci bejniethom.

Ra li fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2002 l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Ra li fit-8 ta' Lulju 2002 l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni giet michuda.

Ra s-seduta datata 2 ta' Ottubru 2002 li fiha xehed Michael Busuttil u ikkonferma li s-socjeta konvenuta ma hallset l-ebda ammont li talbu s-societa attrici f'din il-kawza.

Ra l-kontro-ezami  fejn gie mistoqsi ghaliex fl-invoice ezebit a fol. 18 tal-process hija f'isem kumpanija ohra. Michael Busuttil qal li kienu inforrmaw kumpanija ohra liema kumpanija hadet hsieb tigbor il-flus dovuti lill-kumpanija antika.  Michael Busuttil ikkonferma li d-debitu huwa dovut lill-Francis Busuttil & Sons Limited u mhux Francis Busuttil & Sons (Marketing Limited).

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2002 s-societa konvenuta rtirat it-tielet eccezzjoni.

Illi ghalhekk l-uniku eccezzjoni tas-socjeta konvenuta hi li l-istess societa ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-societa attrici.

Illi meta gie mistoqsi dwar l-invoice a Fol 18 tal-process Michael Busuttil ghas-societa attrici qal li s-societa attrici gie registrata ukoll sabiex tigbor flus dovuti lis-societa Francis Busuttil & Sons Limited.

Jirrizulta li s-socjeta attrici giet registrata fit-22 ta' Frar 1999 (ara Dok F3). Jirrisulta li l-bejgh in kwistjoni sar minn F. Busuttil & Sons Limited fil-10 ta' Dicembru 1996.

Ghalhekk mill-atti jidher li s-socjeta konvenuta xtrat merkanzija minn ghand Francis Busuttil & Sons Limited u ma ghandha ebda relazzjoni mas-societa Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited.

Illi ghalkemm skond Michael Busuttil is-socjeta attrici kellha tigbor flus dovuti lis-societa Francis Busuttil & Sons Limited ma hemm ebda allegazzjoni ta' assenjazzjoni tal-kreditu.

Ghalhekk jirrisulta li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-partijiet.

Ghaldaqstant jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici.

**Av. Philip Manduca**
**Gudikant**